# DLAM

*Ta'* George Stevens

Mario kien għadu kemm iżżewweġ. Kellu mara li kien iħobbha daqs id-dawl t'għajnejh u kien qed igħix ħajja ta' sliem u hena fl-istat ġdid tiegħu. Xejn ma kien jonqsu. Biss huwa kellu xewqa kbira li jkollu iben jixbah lilu. U fih din ix-xewqa kienet aktar tikbes meta kien jara t-tifel ta' ħuh il-miżżewweġ b'dawk il-għajnejn sbieħ ta' missieru !

Mario kien jagħraf kemm hi ħaġa ta' ferħ li tkun missier, u kemm hi ħaġa ta' ferħ aktar li jkollok iben jixbah lilek. Kemm xtaq li bħal ħuh ikollu tifel jixbah lilu biex bħal ħuh joqgħod jitpaxxa bih !

* * *

Fil-belt Taljana fejn kien igħammar Mario ma' martu kien riesaq il-periklu. Dak iż-żmien l-Italja kienet fi gwerra ma' l-Awstrja. It-truppi Awstrijaċi kienu qasmu l-fruntiera Taljana, bdew iheddu l-ibliet Taljani tat-Tramuntana u issa kienu qorbu sew lejn il-belt ta' Mario. Fil-belt saret sejħa biex jingaġġaw aktar suldati ħalli l-għadu jiġi megħlub. Għal din is-sejħa wieġeb għadd sabiħ ta' żgħażagħ, u fost dawn kien hemm Mario li ngaġġa minn ta' l-ewwel.

Ma damx Mario ma sab ruħu mifrud minn martu. Kienet ġiet ordni biex it-truppi Taljani jmarċaw u jiltaqgħu mal-għadu li kien wasal barra bwieb il-belt. Qalb il-bini ġa kienu bdew jinstemgħu l-kanunati tal-għadu u kultant xi balla żżarżar u tfaqqa' fuq xi ħajt. Fost in-nies qamet għagħa u taħwida kbira—nisa u tfal jibku u rġiel jippruvaw jikkalmawhom. Kulħadd imwerwer. Fejn qabel il-belt kienet issaltan fil-hena u l-paċi issa kienet maħkuma mill-qilla u l-qirda tal-gwerra.

It-truppi Taljani ma damux ma ntasbu f'taqbida mal-għadu barra l-belt. Saret taqtigħa ħarxa li fiha għadd kbir ta' suldati tażżewġ naħiet ħallew ħajjithom. It-taqbida damet sejra ħafna u ma ntemmetx qabel ma mijiet ta' iġsma kienu jinsabu fl-art bla ħajja. It-truppi Taljani rnexxielhom joħorġu rebbieħa u jreġġgħu lura lill-għadu b'għadd kbir ta' ħajjiet mitlufa u għadd akbar midruba. U fost il-midruba kien hemm min ġie immankat bl-ikraħ.

* * *

Malli l-għadu kien għab għal kollox, it-truppi Taljani marċaw lura lejn il-belt, rebbieħa imma mkdduda. Meta daħlu fil-belt kien hemm dehra ta' ferħ u biki. Min beda jitgħannaq ma' żewġu, ħuh jew ibnu li kien mar għat-taqbida u reġa' lura qawwi u sħiħ, u min beda jibki u jolfoq għax xi ħadd għażiż għal qalbu ma kienx reġa' lura fi ħdanu.



Mario kien jinsab imħaddan ma' martu li f'idejha kellha għoġol ta' tarbija. Kienet l-ewwel tarbija ta' Mario. Tifel wiċċu mqaxxar. Imma l-aktar li kien jixbhu minn għajnejh. Għajnejh kienu qishom tiegħu meta kien żgħir. Dak li xtaq Mario kien issa qiegħed quddiemu.

Imma Mario ma seta' jara xejn. Hu kien tilef għajnejh it-tnejn. Waqt li kien f'taqbida ma' wieħed mis-suldati tal-għadu safa' milqut b'balla li ħallietu għama għal kollox. Kieku Mario seta' jiftaħ għajnejh kien jagħraf kemm tabilħaqq kien jixbhu ibnu !

Dak il-ħin bdew idoqqu marċijiet ferrieħa biex jiċċelebraw ir-rebħa u kap għoli li qam jindirizza lill-folla għall-okkażjoni nstama' jgħid : "U issa qed *nara* għalikom futur sabiħ, qed *nara* dawl ġdid fuq ix-xefaq !" Mario seta' *jara* dlam biss. U għalih xejn ma kien jimporta la ma setax jara lil ibnu li kien jixbhu !

---

# IL-QALB

*Ta'* George Zammit

Arpa f'rokna mudlama l-qalb tal-bniedem :
siekta u mbikkma, imkebba fis-swidija
— Holma minsija —
Iżda tistenbaħ bħal merill fil-wisa'
Ta' sema safi
U l-ħolqien timla bl-għana, u, bħal għadira
Imfawra, tfawwar lewn id-deheb u l-ġawhar,
Meta, b'żegħila ta' blanzun, tmellisha
Iż-żiffa tat-tifkira.

15. 9. 55.